TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John u Silvana Maria Borg

vs

Bajada New Energy Ltd

CCT 135/18/MS

12 ta' Awwissu 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Awwissu 2018 fejn talbu s-somma ta' €3,282.00 u dan wara li s-sistema tal-*PV panels* mixtrija mis-socjeta' intimata waqfet tahdem fil-perjodu tal-garanzija u ma bdietx tiggenera energija, b'konsegwenza ta' telf ta' flus fuq perjodu ta' hdax il-xahar.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata tad-29 ta' Awwissu 2018 fejn filwaqt illi qabblu li l-*inverter* ma kienx qed jiffunzjona, sahqu illi l-inverter ma kenitx ghadha koperta mill-garanzija li kienet skadiet u ghalhekk kien l-*inverter* biss li kellu jinbidel u mhux is-sistema kollha, u dan ghal prezz ta' €800. Saru proposti ohra ta' transazzjoni, fosthom skont fuq il-prezz tal-*inverter,* pero' dawn ma gewx accettati mir-rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi u mhux kontestat illi fil-25 ta' Frar 2011 gew installati fuq talba tar-rikorrenti, sistema ta' *PV Panels* minghand l-azjenda intimata fir-residenza tar-rikorrenti. Ghal kwazi sitt snin ma kienx hemm problemi u l-kontijiet tad-dawl kienu dejjem jigu b'xejn, pero' fit-2017, ir-rikorrenti bdew jircievu kontijiet tad-dawl. Ghalhekk ir-rikorrenti marru ghand l-ARMS biex jaraw jekk kienx hemm xi hsara fil-meter u l-ARMS baghtu technician minn taghhom li biddel il-meter biex ikun cert illi l-hsara ma kenitx min-naha tal-meter. Pero', wara verifiki, accertahom li l-hsara ma kenitx min-naha tal-meter izda mis-sistema tal-pannelli. Ghalhekk fl-10 ta' April 2018, ir-

rikorrenti cemplu lil Bajada u l-ghada dawn baghtu technician. Mal-ewwel irrizulta li l-hsara kienet fl-*inverter* li kellu bilfors jinbidel. Dan kien jiswa tmien mitt Euro. Ir-rikorrenti tghid illi ndunat

illi l-panelli ma bdewx jiggeneraw l-energija lejn l-ahhar ta' 2017 - jigifieri fil-perjodu meta kienet ghadha vigenti l-garanzija. Tikkoncedi pero', illi huma ilmentaw mas-socjeta intimata wara lli skadiet il-garanzija.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta' intimata tirrikonoxxi lii s-sistema ma kenitx qed tahdem peress illi l-*inverter* kien bil-hsara. Dan ma setax jissewwa u kellu bilfors jinbidel bil-prezz ta' tmien mitt Euro. Peress illi s-socjeta' intimata giet mgharrfa bil-hsara fl-*inverter* wara li skadiet il-garanzija, is-socjeta' irrifjutat li tbiddel l-*inverter* minghajr hlas. Saru diskussjonijiet bejn il-partijiet u s-socjeta' intimata offriet sahansitra illi taghmel skont ta' hamsin fil-mija fuq il-prezz tal-*inverter*, izda dan ma giex accetat mir-rikorrenti. Sar suggeriment mir-rikorrent illi jekk it-tfal tieghu jixtru sistemi ta' panelli minghand id-ditta intimata, allura din tal-ahhar tkun tista' tforni *inverter* minghajr hlas. Is-socjeta' intimata kienet lesta tikkunsidra dan is-suggeriment minghajr pregudizzju, pero' fl-ahhar mil-ahhar it-tfal tar-rikorrenti ma xtrawx is-sistema minghand is-socjeta' intimata.

Ikkunsidra

Ghal dak li jirrigwarda l-kwantum li qeghdin jitlobu r-rikorrenti u cjoe' €3,282.00, apparti l-fatt illi dan jidher ferm esagerat, ir-rikorrenti bl-ebda mod ippruvaw jew iggustifikaw din ic-cifra. Il-kontijiet tal-ARMS Ltd pprezentati mir-rikorrenti, bl-ebda mod ma jistghu jwasslu vicin din ic-cifra. Huma kontijiet ta' ammonti zghar li flimkien jammontaw ghal ftit mijiet. Jekk ir-rikorrenti qeghdin jippretendu xi forma ta' danni ohrajn dawna bl-ebda mod ma gew ippruvati. Ir-rikorrent, fix-xhieda tieghu qieghed jallega illi fl-2011 l-inverter kien jiswa €1,427. Meta kellem lil Mark Bajada fit-2018, dan tal-ahhar qallu li l-inverter jiswa €2,000. Il-kumplament ta' €1,282 gie kkalkulat fuq average ta' kemm ir-rikorrent tilef energija u kemm hallas kontijiet. Inkluda wkoll erbghin Euro li hallas it-technician ta' Bajada.
Dawn ic-cifri jidhru li huma kompletament zbaljati. Jiswa kemm kien jiswa l-inverter fit-2011, illum nafu li wiehed gdid jiswa tmien mija u terga u tghid is-socjeta' intimata kienet lesta taghti skont ta' hamsin fil-mija. Ghal dak li huwa telf ta' energija, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-argument fil-paragrafu ta' qabel, fejn il-kontijiet li kienu jircievu r-rikorrenti kienu ta' ftit mijiet u mhux l-eluf li qed jippretendu r-rikorrenti. Terga' u tghid l-ahhar zewg kontijiet - Dok E u F jirreferu ghal perjodi wara li skadiet il-garanzija. L-argument principali ta' dan it-Tribunal pero' qieghed band'ohra.

Ikkunsidra

Hu risaput u accetat mill-partijiet illi minkejja li l-hsara fl-*inverter* saret fil-perjodu tal-garanzija, ir-rapport lis-socjeta' intimata sar wara li skada l-garanzija u dina kienet ir-raguni principali il-ghala s-socjeta' intimata rrifjutat li tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Dina mhijiex kwistjoni fejn ir-rapport sar qabel ma skada l-garanzija, saru diskussjonijiet u waqt li kienu qed isiru dawn id-diskussjonijiet

skadiet il-garanzija, fejn allura s-socjeta' intimata kienet tkun obbligata li tonora t-termini tal-istess garanzija. Is-socjeta' intimata bl-ebda mod ma kienet taf jew ingabet a konoxxenza tal-fatt li seta' kien hemm xi haga hazina fl-*inverter* qabel April 2018. Ir-rikorrenti pero, kellhom indikazzjonijiet

li haga hazina kien hemm almenu minn Settembru 2017 - u cjoe' hames xhur qabel ma skadiet il-garanzija. F'dak ix-xahar jidher li rcevew l-ewewel kont ta' €34.36 fejn issoltu l-kontijiet kienu b'xejn. Baqghu jircievu kontijiet ohra fil-perjodu tal-garanzija (Dok B, C u D), izda xorta m'ghamlux kuntatt mas-socjeta' intimata sa xahrejn wara ma skadiet il-garanzija. Dan ifisser kwindi li r-rikorrenti altru li kellhom zmien biex jagixxu fit-terminu tal-garanzija u huwa biss tort taghhom illi m'ghamlu xejn u ddecidew illi jagixxu biss wara li skadiet il-garanzija.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li s-socjeta intimata kellha ragun illi tirrifjuta t-talba rikorrenti. Ghal dawn il-motivi jaqta u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra taghhom.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru